MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2008

Numru 296/2008

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**John u Catherine mizzewgin Muscat (I.D. Nri. 787249(M) u 935050(M)**

**Il-Qorti**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu s-socjeta' attrici ssottomettiet:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin datat fid-9 t'Awissu 1989 (Dok. A), fil-25 ta' Lulju 1990 u fit-3 t'April 1993 fl-atti Nutar Dottor Mario Bugeja (Dok. B u C),

u fid-19 ta’ Gunju 1988 in atti n-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin (Dok. D) is-socjeta’ attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil John Muscat;

2. Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici ta’ John u Catherine mizzewgin Muscat fis-somma ta’ mitejn u dsatax-il elf, mija u tlieta u tletin Ewro u sebgha u sittin centezmu (€219,133.67) ekwivalenti ghall-erbgha u disghin elf, erbgha u sebghin Liri Maltin u tmien centezmi (Lm94,074.08) bilanc ghad-debitu fl-‘Overdraft Accounts’ ta’ John Muscat mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. ‘E1 sa E69’, u Dok. ‘F1 sa F2’) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-14 ta’ Frar 2008 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

3. Illi permezz ta’ skrittura privata u cioe’ dik datata fis-27 ta’ Gunju 1997 (Dok ‘G’), kif ukoll permezz ta’ tlett kuntratti fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja datati fil-5 ta’ Settembru 1995, fit-18 ta’ Lulju 1997, u fid-19 ta’ Frar 1999 (Dok. H, I, J), il-konvenuta Catherine Muscat mart l-imsemmi John Muscat iggarantiet flimkien u ‘in solidum’ ma’ John Muscat ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta’ l-istess John Muscat mal-Bank of Valletta p.l.c. sal-valur ta’ mija u erbat elef tmien mija u wiehed u ghoxrin Ewro u tmenin centezmu (€104.821.80) ekwivalenti ghall-hamsa u erbghin elf Liri Maltin (Lm45,000).

4. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokumenti ‘A, B, C, D’) partikolarment imma mhux esklussivament, billi John u Catherine mizzewgin Muscat; (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stiipulat fl-imsemmi kuntratti, (b) kienu nadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti soprandikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess John u Catherine mizzewgin Muscat li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

5. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

6. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ zewg ittri ufficjali datati fl-10 ta’ Jannar 2007 li kopji taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok. ’K u L’, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu nadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m’ghandiex din il-Qorti tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici li qieghda hawn titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokumenti ‘A, B, C, D’) partikolarment imma mhux esklussivament, billi John u Catherine mizzewgin Muscat;  (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stiipulat fl-imsemmi kuntratti, (b) kienu nadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti soprandikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess John u Catherine mizzewgin Muscat li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

2. Tikkundanna lil John u Catherine mizzewgin Muscat flimkien u ‘in solidum’ ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u dsatax-il elf, mija u tlieta u tletin Ewro u sebgha u sittin centezmu (€219,133.67) ekwivalenti ghall-erbgha u disghin elf, erbgha u sebghin Liri Maltin u tmien centezmi (Lm94,074.08) bilanc ghad-debitu fl-‘Overdraft Accounts’ ta’ John Muscat mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. ‘E1 sa E69’ u Dok. ‘F1 sa F2’) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-14 ta’ Frar 2008 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittri ufficjali datati fl-10 ta’ Jannar 2007 u tal-Mandat ta’ Sekwestru konra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-intimati prezentata fir-registru li permezz taghha ammettew it-talbiet kif dedotti fir-rikors;

Billi mill-ammissjoni tal-intimati t-talbiet kif mitluba fir-rikors jirrizultaw pruvati;

Fuq ammissjoni tal-intimati tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------